MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

Numru 201/2003

**Artikoli 4(1), 4(2), 5(1), 23 u 39 tal-Kap 233,**
**artikolu 3 tal-Kap 376 u**
**artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**RAYMOND CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CAUCHI** ta' tnejn u erbghin sena bin Vincent u Angela nee Azzopardi, imwieled l-Hamrun nhar t-tnejn ta' Jannar 1961 u residenti 'Casa Bella', 6, Triq Guze Cardona, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 43161M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sebgha ta' April 2000 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti

wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr il-permess tal-Ministru, minghajr ma kien negozjant awtorizzat f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat;

2. Talli minghajr permess tal-Ministru u minghajr ma kien negozjant awtorizzat f'Malta ghamel hwejjeg li jinvolvu, li ghandhom x'jaqsmu jew li huma preparatorji ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin minghand, biegh jew ssellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuni barra minn Malta;

3. Talli bhala persuna li ma kienx negozjant awtorizzat, kellu fil-pussess ta jew l-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, offra dak id-deheb jew dawk il-flus barranin jew ra li jigu offerti ghal jbiegh lil negozjant awtorizzat u dan minghajr l-permess tal-Ministru;

4. Minghajr permess tal-Ministru ghamel jew obbliga ruhu li jaghmel x' investiment barra minn Malta;

5. Talli kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew skond l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u li ftiehem jew ipprova jew ghen, hajjar, ta parir jew qabbad xi persuna ohra sabiex tikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija f'dan l-att; u

6. Talli wettaq kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta u dan minghajr licenzja moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 23 tal-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 43 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju Kap 233 datati tlieta ta' Jannar 2003.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnejn u ghoxrint a' Lulju 2003.

Rat wkoll l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar s-sebgha ta' April 2000 esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 4.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni dwar l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u li l-partecipazzjoni tal-imputat f'dawn r-reati odjerni jikkoncernaw biss t-tehid ta' *commission* fuq numru ta' transazzjonijiet u l-ammont bhala valur mhux maghruf ghalkemm huwa zghir.

Semghet lil imputat jiddikjara li hu lest li jixhed fil-proceduri kriminali l-ohra fil-konfront ta' terzi konnessi ma dan il-kaz una volta jigi hekk mitlub.

Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat fil-passat ikkommetta reati ta' portata zghira.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND CAUCHI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum**

**ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------